MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 369/2009/1

**Alfred Spiteri u Joseph Spiteri**

**v.**

**Awtorità dwar it-Trasport ta’ Malta u l-Kummissarju tal-Pulizija;**

**u b'dikriet tat-12 ta' Jannar 2010 l-Awtorità għat-Trasport f'Malta assumiet l-atti minflok l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li l-atturi pprezentaw fl-14 ta' April, 2009, u li jaqra hekk:

"1. Illi fis-sena elf disa' mija tlieta u disghin (1993), Angelo Spiteri, llum mejjet, importa f'Malta tlett (3) vetturi tat-tip *open top double deckers*, bl-iskop specifiku li dawn il-vetturi jintuzaw sabiex jigi provdut servizz ta' trasport, principalment fis-settur tat-turizmu. L-istess Angelo Spiteri kien ikkommetta ruhu ghal dan l-investiment wara li dan it-tip ta' servizz kien gie indirizzat favorevolment fil-Pjan Strutturali ghall-Gzejjer Maltin ippubblikat fl-elf disa' mija u disghin (1990), fejn fil-paragrafu immarkat bhala Policy PTR12 kien gie specifikatament ikkontemplat li "*Bus operators will be encouraged to experiment with special types of service for tourists such as open top buses and road trains*";

"2. Illi l-Awtorita` konvenuta kienet espressament awtorizzat bil-miktub lill-imsemmi Angelo Spiteri sabiex jimporta u jopera l-imsemmija vetturi. L-imsemmija vetturi waslu Malta, fejn thallas id-dazju relattiv fuqhom, u l-awtorita` doganali lokali sussegwentement irrilaxxat il-vetturi skont il-ligi fil-pussess ta' Angelo Spiteri;

"3. Illi sussegwentement saret talba formali ghar-registrazzjoni tal-istess vetturi kif ukoll ghall-ghoti tal-licenzji relattivi, bil-ghan li l-vetturi *de qua* jkunu jistghu jigu operati ghal skop tat-trasport ta' passiggieri fit-toroq tal-Gzejjer Maltin;

"4. Illi permezz ta' diversi komunikazzjonijiet, l-Awtorita` konvenuta kienet uriet il-hsieb taghha li tikkoncedi l-licenzji mehtiega lil dawn il-vetturi. Dan il-hsieb madankollu qatt ma mmanifesta ruhu fl-att pozittiv tal-ghoti tal-licenzji, bil-konsegwenza li Angelo Spiteri, u in segwitu ta' mewtu,

martu u uliedu, nkluz l-atturi, baqghu mizmuma milli joperaw tali vetturi mportati regolarment;

“5. Illi l-imsemmi Angelo Spiteri, u wara l-mewt tieghu, martu u uliedu nkluz l-atturi, gew imcahhda illegalment ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena mill-permessi u mil-licenzji mehtiega u dan stante li ma kienet tezisti l-ebda raguni ghaliex dawn il-permessi u licenzji ma kellhomx jinghataw, kif del resto gie kostantement ammess mill-Awtorita` konvenuta.

“6. Illi permezz ta’ lment bin-numru sitta (6) tal-elfejn u sitta (2006), l-atturi, flimkien ma’ ommhom Marianna, armla ta’ Angelo Spiteri, u ohthom Karen, mizzewga Camilleri, agixxew fil-konfront tal-Awtorita` konvenuta bil-manjiera u bil-procedura kkontemplati fil-Kap. 379 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“7. Illi permezz ta’ decizjoni moghtija mill-Onorabbli Kummissjoni ghall-Kummerc Gust fil-hmistax (15) ta’ Ottubru 2008, gie dikjarat li l-eghmil tal-Awtorita` konvenuta fil-konfront tal-atturi kien leziv tal-Artikolu 9(1), (2) (e) tal-Kap. 379, u li l-Awtorita` konvenuta agixxiet abbuzivament, b’mod illi mmanipulat is-suq sabiex tagevola l-kompetituri diretti tal-esponenti;

“8. Illi b’konsegwenza ta’ dan kollu l-atturi, flimkien ma’ ommhom Marianna armla ta’ Angelo Spiteri u ohthom Karen mizzewga Camilleri, sofrew danni kummercjali sostanzjali, li ghalihom huma unikament responsabbli l-konvenuti;

“9. Illi filwaqt li l-esponenti baqghu jitolbu lill-Awtorita` konvenuta tinhargilhom licenzja sabiex joperaw bl-*open top double decker buses*, l-istess Awtorita` konvenuta harget licenzji lill-operatur kompetitur biex jpoera b’vettura l-istess ghamla, izda mhux lill-esponenti;

“10. Illi permezz ta’ skritturi privati datati tnejn (2) ta’ April 2009, l-imsemmija Marianna armla ta’ Angelo Spiteri u Karen mizzewga Camilleri assenjaw favur l-atturi d-dritt rispettiv taghhom biex jipprocedu gudizzjarjament kontra l-istess konvenuti ghar-rizarciment tad-danni

subiti, b'liema assenjazzjoni l-konvenuti gew mgharrfa gudizzjarjament, kif trid il-ligi;

"11. Illi minkejja li gew interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni, il-konvenuti baqghu lkoll inadempjenti.

"Ghaldaqstant l-atturi umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

"1. tiddikjara u tiddeciedi illi b'konsegwenza tal-ghemil illegali tal-konvenuti kif premess, l-atturi sofrew danni ingenti ghal liema danni huma responsabbli l-istess konvenuti, jew min minnhom;

"2. tillikwida d-danni hekk sofferti mill-atturi occorrendo permezz tal-opera ta' *periti nominandi*;

"3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi d-danni kif likwidati in forza tat-tieni domanda.

"u dan previa kull provvediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

"Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Protest Gudizzjarju bin-numru 140/2009, u bl-imghax legali, mill-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena 1994 sal-jum tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti, li huma minn issa ngunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Preliminarjament, l-esponenti mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi l-mansjoni tal-hrug ta' licenzi relattivi ghal *open top double decker buses* ma taqax fil-funzjoni tieghu;

"2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti qieghed jecipixxi formalment ukoll illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija perenti ai termini ta' l-Artikolu 469A (3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bit-trapass ta' snin mid-data minn meta r-rikorrenti inghataw decizjoni dwar it-talba taghhom;

"3. Illi preliminajrament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu din l-azzjoni qeghdha titlob id-diskussjoni mill-gdid ta' mertu diga` trattat u deciz fil-kawza fl-ismijiet '*Angelo Spiteri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija u Michael Seychell bhala Chairman, ghan-nom u in rapprezentanza tal-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku*' (Appell Kostituzzjonali 1539/93) u dan sahansitra mill-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza tad-19 ta' April 2004 u dan senjatament dwar it-talba ghall-hrug ta' licenzja tal-vetturi mertu tal-kawza odjerna, dwar liema mertu l-azzjoni odjerna tikkozza mal-awotrita` ta' *res iudicata* stabbilita permezz tal-imsemmija sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali;

"4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-pretensjonijiet vantati mir-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda u dan peress illi r-rikorrenti ma ghandhom ebda 'dritt' li jottjenu licenzja izda tali licenzja tinhareg a bazi ta' diversi konsiderazzjonijiet fosthom dawk ta' sigurta` tal-pubbliku;

"5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess, it-talbiet attrici huma insostenibbli skont il-ligi, billi l-vetturi importati mill-atturi ma jikkonformawx mad-disposizzjonijiet vigenti;

"6. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, ai termini tas-subinciz 5 tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-annullament minn Qorti ta' att amministrattiv kommess minn awtorita` pubblika ma twassalx ghal ghoti ta' danni mill-istess Qorti sakemm ma jigix ippruvat li l-awtorita` pubblika agixxiet in *mala fede*, irragonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setghet legalment u ragjonevolment tigi michuda taht kull setgha ohra;"

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita` ta' Malta dwar it-Trasport li in forza taghha eccepixxa illi:

“**Difiza**

“L-atturi qed jippretendu, in effett li l-Awtorita` abbuzat mill-poteri taghha u li bhala konsegwenza tal-abbuz huma sofrew danni, li ghalihom ghandha tirrispondi l-Awtorita`. Ir-rimedju ghal dan it-tip ta' agir hu kontemplat fl-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-Awtorita` qed tirrispondi a bazi tal-presuppost li din hi azzjoni li tressqet taht l-Artikolu 469A.

“1. L-azzjoni hi perenta, billi t-terminu perentorju ta' sitt xhur ikkontemplat fis-subinciz (3) tal-istess artikolu ghadda.

“2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni fir-rigward tal-perjodu bejn l-1994 sad-19 ta' April 2004 hi *res iudicata* u dan ghaliex l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Kostituzzjonali) kienet diga` cahdet il-pretensjoni ta' Angelo Spiteri li l-vetturi in kwistjoni kellhom jigu licenzjati[1].

“3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad li:

“a. L-allegazzjoni centrali f'din l-azzjoni hi li l-Awtorita` hija responsabbli ghad-danni peress li kisret id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379). Id-decizjoni tal-Kummissjoni ghal Kummerc Gust tat-8 ta' Ottubru 2008 (li hija d-decizjoni li kkonkludiet li kien hemm ksur tal-Kap 379 min-naha tal-Awtorita`) hi soggetta ghal talba ghal stharrig gudizzjarju u jekk dak l-istharrig iwassal biex id-decizjoni tla-Kummissjoni ghal Kummerc Gust tigi annullata, l-azzjoni tisfa fix-xejn. Fi kwalunkwe kaz, l-Awtorita` tirrileva li hemm lok ghal soprasessjoni ta' din il-kawza sakemm tigi deciza l-kawza dwar id-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Kummerc Gust. Kopja tar-rikors

[1] 'Angelo Spiteri v. Il-Kummissarju tal-Pulizija u Michael Seychell bhala Chairman, ghan-nom u in rapprezentanza tal-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku, Qorti tla-Appell (Sede Kostituzzjonali), (19 ta' April 2004)

guramentat u tar-risposti relattivi tal-intimati huma hawn annessi u mmarkati bhala Dokument ADT 2.

"b. Sabiex tirnexxi din l-azzjoni, s-socjeta` rikorrenti jehtieg li tipprova (i) il-mala fede tal-Awtorita` jew l-agir mhux ragonevoli taghha; u (ii) id-danni allegatament imgarrba minhabba l-allegat agir; (iii) in-ness bejn l-allegati danni u l-kawza ta' dawn id-danni minhabba l-allegat agir tal-Awtorita`; u (iv) illi hi qdiet l-obbligu taghha li timminimizza d-danni allegati. Fi kwalunkwe kaz, l-Awtorita` tichad li hi hatja ta' kwalsiasi agir in mala fede u/jew illegali u/jew li hi responsabbli ghal u/jew li kkawzat kwalunkwe dannu lill-atturi.

"B'rizerva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri b'mod partikolari, pero` mhux biss, f'kaz li l-atturi jiddikjaraw li din mhix azzjoni mressqa taht l-Artikolu 469A.

"**Il-Fatti**

"1. Fir-rigward tal-ewwel paragrafu, l-Awtorita` ma tistax tikkummenta dwar liema konsiderazzjonijiet ghamel is-sur Spiteri biex wasal ghad-decizjoni biex jimporta *open top buses*. Jigi rilevat li l-Pjan Strutturali ghall-Gzejjer Maltin kienet biss dikjarazzjoni ta' hsieb min-naha tal-Gvern li, naturalment, wiehed ma setax jikkommetti ruhu a bazi taghha jekk mhux a riskju tieghu.

"2. Fir-rigward tal-fatti esposti mir-rikorrenti fit-tieni paragrafu, jigi rilevat li l-Awtorita` qatt ma tat permess lir-rikorrenti sabiex huma joperaw l-*open top buses* mertu ta' din il-kawza. Jinghad li l-Awtorita` ma oggezzjonatx ghar-rikjesta tar-rikorrenti li jimporta l-*open top buses* in kwistjoni sakemm il-vetturi kienu jikkonformaw f'kull hin mar-Regolamenti tal-Pulizija u mar-regolamenti tal-Awtorita` (vide Dok AS 3 pprezentat mir-rikorrenti);

"3. Il-fatti msemmija fil-paragrafu numru 3 m'humiex kontestati;

"4. Fir-rigward tar-raba' paragrafu l-Awtorita` tghid li din il-kwistjoni tinfirex fuq perjodu bejn l-1993 sal-2008 matul liema perjodu sar certu tibdil u emendi fil-ligijiet u l-policies tal-Gvern u tal-Awtorita`. L-Awtorita` infurmat lil Angelo Spiteri u/jew ir-rikorrenti li l-*open top buses* in kwistjoni jigu licenzjati biss jekk dawn jikkonformaw mal-ligijiet u regolamenti li jkunu vigenti. L-Awtorita` ddecidiet ma tillincenzjax l-*open top buses* peress illi (i) dawn il-vetturi ma kienux jikkonformaw mal-ligi meta gew importati, u (ii) sussegwentement hadet id-decizjoni li ma llicenzjatx l-vetturi in kwistjoni abbazi ta' konsiderazzjonijiet ta' *road safety*, kif jidher mill-korrispondenza annessa u mmarkata bhala Dokumenti ADT3, ADT4, ADT5 u ADT6.

"5. Fir-rigward tal-hames paragrafu l-Awtorita` ssibha difficli tifhem kif Angelo Spiteri u, wara mewtu, ir-rikorrenti jghidu li huma gew imcahhda llegalment ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena mill-permessi u mil-licenzji mehtiega. Kif diga` inghad, mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Kostituzzjonali) tal-2004, l-Awtorita` ma kinitx agixxiet b'mod illegali bejn 1993 sal-2004. Addizzjonalment, kif gia` gie rilevat (i) l-Awtorita` ddecidiet li ma tillincenzjax il-vetturi meta kienu mportati ghaliex dawn ma kienux jikkonformaw mal-ligi u (ii) sussegwentement hadet id-decizjoni li ma llicenzjatx il-vetturi in kwistjoni abbazi ta' konsiderazzjonijiet ta' *road safety*."

"6. Fir-rigward tal-fatti esposti fis-sitt paragrafu, jinghad li r-rikorrenti kienu ghamlu lment mad-Direttur tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta li permezz tieghu gie allegat li certu agir tal-Awtorita` kien jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 9(2)(e) tal-Kap 379 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Awtorita` irrispondiet illi hi ma kienetx tikkwalifika bhala intrapriza skont il-Kap 379 li kien jipprovdi li l-kelma 'intrapriza' tfisser:

> "*Kull persuna sew jekk tkun individwu, korp maghqud jew mhux maghqud jew kull enti ohra, bi skop ta' xi,* ***attivita` ekonomika*** *u tinkludi grupp ta' intraprizi*" (emfazi mizjuda).

"Id-Direttur kien accetta r-risposta tal-Awtorita` u ddecieda li l-Kap 379 ma setghax japplika fil-konfront tal-Awtorita` billi l-Awtorita` mhix intrapriza ai termini tal-Kap 379. Wara din id-decizjoni, tressqu proceduri quddiem il-Kummissjoni tal-Kummerc Gust li

ddecieda b’mod differenti mid-Direttur tal-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta.

“7. L-Awtorita` taqbel mal-fatti esposti fil-paragrafu numru 7. Jinghad pero` li f’dan ir-rigward l-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta pprezentat kawza quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili sabiex id-decizjoni tal-Kummissjoni ghal Kummerc Gust tal-15 ta’ Ottubru 2008 tigi soggetta ghal stharrig gudizzjarju u sabiex tigi dikjarata nulla u inattendibbli.

“8. Fir-rigward tat-tmien paragrafu l-Awtorita` tichad li hi qatt agixxiet b’mod illegali u tichad li hi responsabbli ghal xi danni kummercjali li allegatament sofrew ir-rikorrenti;

“9. Fir-rigward tad-disa’ paragrafu, jigi rilevat illi l-licenzji li gew mahruga lil operatur iehor inhargulu wara li rebah tender li kien miftuh ghall-pubbliku – liema tender kien gie mahrug b’mod gust u trasparenti. Ir-rikorrenti kellhom kull dritt u kull opportunita` li jippartecipaw fil-process kompettittiv ghall-hrug tat-tender izda qatt ma ssottomettew l-applikazzjoni taghhom f’dan ir-rigward. Jigii rilevat ukoll li dan l-operatur kien obbligat kuntrattwalment li jara li l-vetturi li jopera jilhqu certi standards ta’ *inter alia* safety u emissions;

“10. Fir-rigward tal-ghaxar paragrafu, l-Awtorita` m’ghandhiex x’tikkummenta;

“11. Fir-rigward tal-hdax-il paragrafu, kif diga` eccepit, l-Awtorita` tichad li hi qatt agixxiet b’mod illegali u tichad kull responsabbilita` ghall-allegati danni li sofrew ir-rikorrenti;”

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2009, quddiem l-ewwel Qorti, gie deciz li f'dak l-istadju, jigu trattati u decizi l-eccezzjonijiet preliminari;

Rat is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Ottubru, 2010, billi dderimiet zewg eccezzjonijiet preliminari fis-sens illi:

> "… … … wara li teħles lill-Kummissarju mill-ħarsien tal-ġudizzju, tilqa' l-eċċezzjoni ta' dekadenza taħt l-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għalhekk tiċħad it-talbiet tal-atturi u tikkundannahom iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "9. Il-fatti relevanti għal dawn l-eċċezzjonijiet seħħew hekk: fl-1993 l-awtur tal-atturi kien daħħal f'Malta tliet *open top double deckers* biex bihom jagħti servizz ta' trasport, l-aktar fil-qasam tat-turiżmu. Din l-importazzjoni saret regolarment bil-permessi kollha meħtieġa iżda t-talba biex jinħarġu wkoll il-liċenzi biex il-vetturi jitħaddmu fit-triq ma nħarġux. L-awtur tal-atturi fetaħ kawża għal rimedju kostituzzjonali[2] għax qal illi d-deċiżjoni kienet diskriminatorja kontra tiegħu iżda l-qorti għażlet li ma tinqediex bis-setgħat kostituzzjonali tagħha għax kien hemm rimedju taħt il-liġi ordinarja. Fetaħ ukoll kawża ċivili[3] b'talba biex jinħarġu l-liċenzi biex ikun jista' jħaddem il-vetturi iżda din il-kawża wkoll inqatgħet kontra tiegħu.

> "10. Fl-2005 imbagħad l-atturi reġgħu tennew it-talba taħhom quddiem l-Awtorità għall-ħruġ tal-liċenzi. Fit-30 ta' Ġunju 2005 l-Awtorità għarrfithom illi t-talba tagħhom kienet miċħuda[4].

2 Rik. 621/1997.
3 Ċitaz. 1539/1993.
4 *Foll.* 180 *et seq.*

“11. Fit-8 ta’ Ġunju 2006 l-atturi fetħu proċeduri quddiem l-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta, u dawn il-proċeduri ntemmu quddiem il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust li b’deċiżjoni tal-15 ta’ Ottubru 2008 iddikjarat illi l-għemil tal-Awtorità “imur kontra l-art. 9(1) [u] 2(*e*) tal-Kap. 379”.

“12. L-atturi issa fl-14 ta’ April 2009 fetħu dawn il-proċeduri tallum fejn qegħdin igħidu illi ġarrbu danni minħabba d-deċiżjoni tal-Awtorità, li jgħidu illi hija bi ksur tal-liġi, u qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni u l-ħlas ta’ dawn id-danni. Din id-deċiżjoni tal-Awtorità hija dik tat-30 ta’ Ġunju 2005.

“13. Nibdew billi nqisu l-eċċezzjoni tal-Kummissarju illi ma huwiex kontradittur leġittimu.

“14. L-art. 6(1)(*f*) tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f’Malta [Kap. 499] igħid illi s-setgħa “li tilliċenza u tirregola kull … vettura u li tirregola l-użu tagħhom” hija vestita fl-Awtorità. Il-Kap. 499 daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2010 flok il-liġi li kien hemm qabel, li kienet l-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta’ Malta [Kap. 332], u li kienet fis-seħħ fiż-żmien relevanti tat-30 ta’ Ġunju 2005. Skond l-art. 4(1)(*d*) ta’ dak l-Att is-setgħat li llum huma tal-Awtorità konvenuta kienu vestiti fl-Awtorità dwar it-Trasport ta’ Malta, il-predeċessur tal-Awtorità konvenuta.

“15. Għalhekk, fiż-żmien relevanti s-setgħa li joħroġ jew ma joħroġx liċenzi biex vetturi jinħarġu fit-triq ma kinitx tal-Kummissarju, u ma huwiex dan li jwieġeb għad-deċiżjoni li l-liċenzi dwar il-vetturi tal-atturi ma jinħarġux. Għal din ir-raġuni l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju hija tajba u l-qorti, wara li tilqagħha, teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-atturi.

“16. Ngħaddu issa biex inqisu l-eċċezzjoni ta’ dekadenza taħt l-art. 469A(3) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

“17. L-atturi jgħidu illi din id-dispożizzjoni tal-liġi ma tgħoddx għall-każ tallum għax l-azzjoni ma hijiex għal stħarriġ ġudizzjarju ta’ għemil amministrattiv iżda għal danni.

"18. Tassew illi t-talba tal-atturi hija għal danni, iżda din it-talba hija mibnija fuq il-premessa illi d-danni tnisslu "b'konsegwenza tal-għemil illegali tal-konvenuti", u għalhekk qabel xejn hija meħtieġa deċiżjoni dwar jekk dak l-għemil – id-deċiżjoni tat-30 ta' Ġunju 2005 – kienx tassew "illegali". Deċiżjoni bħal dik tista' biss tittieħed wara stħarriġ ġudizzjarju ta' dak l-għemil, li għalhekk huwa regolat bl-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

"19. Is-subartikolu (3) ta' dak l-artikolu jgħid illi "kawża biex twaqqa' għemil amministrattiv … … … għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skond liema jiġi l-ewwel, b'dak l-għemil amministrattiv". Fil-każ tallum l-għemil amministrattiv seħħ fit-30 ta' Ġunju 2005 u l-atturi saru jafu bih, l-aktar, xi ftit jiem wara. Il-kawża nfetħet fl-14 ta' April 2009, ħafna aktar minn sitt xhur wara.

"20. Tassew illi, safejn l-illegalità tal-att amministrattiv kienet minħabba ksur tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, hija l-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust, u mhux din il-qorti, li għandha s-setgħa tiddetermina illegalità bħal dik, u għalhekk iż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fuq ikun sospiż sakemm dik il-kummissjoni tagħti d-deċiżjoni tagħha. Il-proċeduri li wasslu għad-deċiżjoni ta' dik il-Kummissjoni, iżda, inbdew mill-atturi fit-8 ta' Ġunju 2006, meta kien ġà għalaq iż-żmien ta' sitt xhur li, għalhekk, ma setax jiġi sospiż.

"21. Għal dawn ir-raġunijiet, l-eċċezzjoni ta' dekadenza taħt l-art. 469A hija tajba u għandha tiġi milqugħa.

"22. Fiċ-ċirkostanzi, ma huwiex meħtieġ li nqisu wkoll l-eċċezzjoni ta' *res iudicata*."

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha:

"… … … tilqa' l-appell taghhom billi thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru 2010 l-ismijiet "Alfred Spiteri u Joseph Spiteri v. Awtorita` dwar it-

> Trasport ta' Malta u l-Kummissarju tal-Pulizija, u b'dikriet tat-tnax (12) ta' Jannar 2010, l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta assumiet l-atti minflok l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta" (Rikors Guramentat Numru 369/2009 GCD), u tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta, u tirrimetti l-atti tal-kawza lura lill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili ghall-kontinwazzjoni, bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra l-konvenuti."

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, jissottometti:

> "… … … li l-Appell tal-appellanti ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom, b'riserva ghall-produzzjoni ta' provi u sottomissjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi f'kaz illi dan ikun mehtieg."

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, gia` Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta, li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti illi:

> "… … … t-tieni u t-tielet aggravji fir-rikors tal-appell tal-atturi ghandhom jigu michudin u s-sentenza tal-ewwel Qorti ghandha tigi kkonfermata minn din l-Onorabbli Qorti tal-Appell bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li wasslu ghal din il-kawza huma esposti fil-parti preliminari tas-sentenza tal-ewwel Qorti, b'mod li allura din il-Qorti ma tarax il-htiega li terga' tissenjalhom. Ghall-fini ta' din is-sentenza jista' jinghad li l-atturi ressqu din il-kawza ghad-danni a bazi ta' zewg konsiderazzjonijiet: jghidu li fl-1993 l-awtur taghhom kien applika mal-Kummissarju tal-Pulizija ghal-licenzja biex jopera *open top double deckers* f'Malta, izda t-talba giet michuda. Fl-2005 ghamlu talba simili lill-Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta (li hadet over ir-responsabbilita` ghall-hrug tal-licenzji mill-Kummissarju tal-Pulizija), izda t-talba tieghu giet michuda. L-atturi jghidu li z-zewg decizjonijiet kienu illegali u per konsegwenza sofrew danni.

L-ewwel decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija giet attakkata fuq bazi ta' allegata diskriminazzjoni u dan kemm quddiem il-qrati ordinarji kif ukoll quddiem il-qorti kostituzzjonali. Iz-zewg kawzi intilfu mill-awtur tal-atturi.

It-tieni decizjoni tal-Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta giet kkontestata quddiem il-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust ai termini tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379 tal-Ligijiet ta' Malta) u din il-Kummissjoni, b'decizjoni tal-15 ta'

Ottubru, 2008, sabet favur l-atturi u ddikjarat illi l-ghemil tal-Awtorita` kien abbuziv ghax immanipulat is-suq sabiex tagevola kompetituri tal-atturi.

L-atturi jridu danni konsegwenza tal-“ghemil illegali” tal-konvenuti.

L-ewwel Qorti qieset l-azzjoni bhala bbazata fuq l-Artikolu 469A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), u wara li applikat l-Artikolu 469A(3), qieset l-azzjoni perenta peress illi ma saritx fi zmien sitt xhur mill-allegat illegalita`. Ordnat ukoll il-helsien tal-Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-gudizzju ghax qieset li hija l-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta li hija l-legittimu kontradittur tal-azzjoni u mhux l-indikat Kummissarju.

L-atturi appellaw mis-sentenza u qed jitolbu r-revoka tas-sentenza fejn laqghet iz-zewg eccezzjonijiet prelimminari tal-konvenuti.

Fil-kuntest tal-appell relatat mal-Kummissarju tal-Pulizija, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-atturi appellanti illi la darba huma qed jallegaw agir illegali da parti tieghu, l-imsemmi Kummissarju huwa l-legittimu kontradittur tal-azzjoni attrici. Il-pretensjonijiet tal-atturi jirrisalu ghall-1993, meta l-poter ghall-hrug ta’ licenzji ta’ vetturi kien vestit f’idejn il-Kummissarju tal-Pulizija. L-

atturi qed jghidu li dan il-Kummissarju agixxa hazin meta cahad it-talba tal-awtur taghhom ghall-hrug ta' licenzja ghall-uzu ta' *open top double decker buses* f'Malta, u kwindi, in kwantu l-azzjoni hija diretta lejn l-agir tal-Kummissarju, dan tal-ahhar irid iwiegeb ghall-azzjoni. Il-fatt li, illum, din l-awtorita` hija vestita f'korp iehor, indipendenti mill-Kummissarju tal-Pulizija, ma jiznaturax it-talba tal-atturi ghad-danni li allegatament sofrew b'konsegwenza tal-agir tieghu. L-imsemmi Kummissarju jghid li l-kwistjoni fil-konfront tieghu hija "maghluqa" b'dak li sehh wara, pero`, dan huwa l-meritu tal-azzjoni attrici li ma ghandux jincidi fuq l-azzjoni kif proposta u fuq min hu l-legittimu kontradittur. Jista' jkun li l-atturi ma jkollhomx ragun fil-meritu, pero`, darba li jippretendu danni minghand il-Kummissarju tal-Pulizija konsegwenza tal-agir illegali tieghu – allura vestit bil-poter li johrog licenzji ghall-vetturi bil-mutur – ma jistax jinghad li hu mhux il-legittimu kontradittur.

Kwindi, is-sentenza tal-ewwel Qorti, in kwantu illiberat lill-Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-gudizzju qed tigi revokata u qed jintlaqa' l-aggravju relattiv.

Fir-rigward tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12, din il-Qorti tara li l-posizzjoni taz-zewg konvenuti f'din il-kawza hija differenti.

Fir-rigward tal-Kummissarju tal-Pulizija, gia` intwera li d-decizjoni tieghu giet attakkata biss fuq il-bazi ta' allegat diskriminazzjoni, azzjoni li giet dikjarata infondata mill-qrati. Ma sar ebda tentattiv biex dak l-agir jigi mistharreg mill-qrati a bazi tal-gurisdizzjoni generali li ghandhom li jissindikaw agir amministrattiv. Din il-gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji taghna kienet tezisti fl-1993 u jippermetti lill-qrati jistharrgu kull forma ta' ghemil amministrattiv, anke biex jigi deciz li d-decizjoni li ttiehdet kienet irragonevoli. Din ix-xorta ta' azzjoni qed issir issa, b'din il-procedura, izda il-kaz issa jaqa' li jkun regolat bl-Artikolu 469A tal-imsemmi Kap. 12. Dan qed jinghad peress illi l-atturi jridu danni mill-Kummissarju tal-Pulizija peress li allegatament hu hati ta' "ghemil illegali", agir li jaghti lok ghall-azzjoni taht l-Artikolu 469A(1)(b)(iv) li tqis ghemil ultra vires jekk ikun imur "kontra l-ligi". Kif qalet l-ewwel Qorti, it-talba attrici tehtieg decizjoni dwar jekk dan l-ghemil kienx tassew "illegali", u decizjoni bhal din tista' tittiehed wara stharrig gudizzjarju regolat fl-Artikolu 469A tal-imsemmi Kap. 12.

L-atturi appellanti jghidu li l-azzjoni taghhom hija ghad-danni mhux ghat-twaqqieh tal-agir, pero`, ir-responsabbilita` ghad-danni necessarjament timplika ghemil hazin, u dak li jkun ma jistax jitlob danni u, fl-istess hin, izomm ferm l-agir amministrattiv li skont hu ta lok ghad-danni. Biex ikun hemm danni, irid ikun hemm agir abbuziv jew illegali, u dak li jkun ma jistax jghid li l-"agir illegali" ghandu jibqa' validu, izda jitlob danni. Jista' jkun illi dak li jkun ma jkunx ghadu interessat fir-revoka tal-agir illegali, imma biex jitlob danni jrid juri

li dak l-ghemil kien fil-fatt illegali jew tal-anqas censurabbli, u jekk jigi hekk muri, dak l-agir ma jistax jitqies li jithalla in ezistenza minghajr rimarki fuq il-validita` tieghu, daqs li kieku kien ghemil validu. Kawza ghad-danni, fil-kuntest ta' allegat agir illegali, tista' titressaq fil-kuntest ta' talba ghal stharrig tal-ghemil amministrattiv taht l-Artikolu 469A imsemmi, izda ma ghandhiex hajja indipendenti minn dak l-istharrig. Kwindi jekk l-atturi, fit-termini tas-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 469A, issa ma jistghux jattakkaw l-ghemil allegatament illegali tal-Kummissarju tal-Pulizija, ma jistghux lanqas jitolbu danni (ara bhala rifless fuq dan il-punt il-kawza **Zambone v. Id-Direttur tal-Kuntratti et**, deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 2002 fejn ukoll f'azzjoni "semplici ghad-danni" wara agir amministrattiv, qieset l-istess fil-kuntest tal-Artikolu 469A).

Kwindi, fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija, it-tieni eccezzjoni li ssolleva li l-azzjoni attrici waqghet b'dekadenza taht l-Artikolu 469A(3) timmerita li tigi milqugha.

Is-sitwazzjoni tal-konvenut l-iehor, l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta hija differenti. Wara r-rifjut ta' din l-Awtorita` li tohrog il-licenzja fl-2005, l-atturi ghazlu li ma jinvokawx il-provvedimenti tal-Artikolu 469A, izda ilmentaw skont dak li jipprovdi l-Att dwar il-Kompetizzjoni msemmi. Dan l-Att gie promulgat biex jipprotegi l-kummerc gust f'pajjizna, u biex ihares il-kompetizzjoni hielsa.

Kien a bazi ta' dan li l-ilment tressaq quddiem il-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust, u dan ghax ilmenti marbuta ma' kummerc hieles ma jinkwadrawx ruhhom li jkunu ikkonsidrati taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Il-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust, fil-fatt, sabet favur l-attrici wara li kkonkludiet li l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta agixxiet b'mod li ma pprovdietx ghall-kummerc hieles.

Ir-rimedju li ntalab, allura, huwa dak provdut dwaru f'ligi ohra, u meta jkun hekk l-Artikolu 469A(4) jghid li d-disposizzjoniiet ta' dak l-artikolu ma ghandhomx japplikaw. Fil-kaz ta' din l-Awtorita`, l-ghemil amministrattiv allegatament illegali taghha ma giex u mhux qed jigi meqjus fil-kuntest tal-Artikolu 469A, u kwindi z-zmien ta' dekadenza indikat f'dak l-artikolu ma jistax jigi invokat. Fil-konfront tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, l-atturi qatt ma nvokaw l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, u l-ilment taghhom tressaq taht ligi ohra, dik li tipprotegi l-kummerc hieles. L-ilment taghhom gie milqugh b'decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust tal-15 ta' Ottubru, 2008, u din l-azzjoni hija konsegwenza ta' dik id-decizjoni li sabet l-ghemil tal-Awtorita` bhala abbuziv. L-ilmenti diretti lejn l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta jipprexxindu mill-provvedimenti tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 li, ghalhekk, mhux applikabbli ghall-kaz.

Ovvjament, jekk l-agir tal-Awtorita`, deciz mill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust li mar kontra l-Artikolu 9(1)(2)(e) tal-imsemmi Kap. 379, jaghtix lok ghal hlas ta' danni, irid jigi deciz fil-meritu; li qed jinghad, f'din is-sentenza, hu li l-azzjoni attrici fil-konfront tal-Awtorita` mhix perenta fit-termini tal-Artikolu invokat peress li dak l-Artikolu mhux applikabbli ghall-kaz.

L-Awtorita` appellata irriferiet ghas-sentenza li tat din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2013, fil-kawza **Mifsud v. Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta et.**, pero`, ic-cirkostanzi f'dik il-kawza kienu differenti, ghax l-ilmenti tal-attur f'dik il-kawza tqiesu li ma setghu jinkwadraw ruhhom imkien aktar hlief fil-parametri tal-Artikolu 469A, izda, f'dan il-kaz, kif rajna, l-ilmenti tal-atturi ma kienux relatati ma' dak provdut f'dak l-artikolu, izda mal-kuncett ta' kummerc hieles kif protett fil-Kap. 379 aktar qabel indikat.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell tal-atturi billi tilqa' l-istess in parte u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi (i) fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija tirrevokaha fejn helsitu mill-osservazzjoni tal-gudizzju u tqis li hu legittimu kontradittur ghall-azzjoni attrici izda tikkonfermaha fejn laqghet it-tieni eccezzjoni u b'hekk tichad it-talbiet attrici fil-konfront tieghu peress li tqis l-azzjoni perenta taht l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u (ii) fil-konfront tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta gia` Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, tirrevokaha fejn sabet l-azzjoni

attrici perenta u b'hekk tichad l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni tal-imsemmija Awtorita` - u tordna li l-atti tal-kawza jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' u tiddeciedi l-kaz fil-konfront biss tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta gia` Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta.

L-ispejjez kollha tal-kawza inkluzi dawk in prim istanza, jithallsu (i) dawk relatati ghall-azzjoni in kwantu diretta kontra l-Kummissarju tal-Pulizija, nofs mill-atturi in solidum u nofs mill-Kummissarju tal-Pulizija, u (ii) dawk sa issa relatati ghall-azzjoni in kwantu diretta kontra l-Awtorita` konvenuta, mill-istess Awtorita` appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------